# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 17 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 8**

**Rikors numru 691/14/1 MCH**

**Maria Stella Calleja**

**v.**

**Brian Degiorgio**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi tal-4 ta' Awwissu, 2014, li permezz tiegħu ngħad:

> "1. Illi permezz ta' zewg skritturi privati, it-tnejn datati 6 ta Frar 2007 (Dok. A u Dok. B), l-intimat Degiorgio kien intrabat u obbliga ruhu li jikkumpensa lill-attrici tramite l-hlas ta' ammonti determinati ghal servigi li jkunu lilu rezi f'kaz li javveraw ruhhom certa cirkostanzi;

2. Illi meta l-kondizzjonijiet ghal hlas imsemmija fl-istess skritturi fil-fatt avverraw ruhhom, l-intimat ghalkemm wieghed diversi drabi lill-attrici li kien ser jonora l-obbligi tieghu, huwa baqa' inadempjenti sal-gurnata tallum;

3. Illi ghalkemm in segwitu, l-intimat kien kiteb cheque favur l-attrici biex ikopri l-ammont minnu dovut lilha datat l-1 ta Marzu 2013, mahrug fuq l-HSBC (Dok. C) dan ic-cheque pero baqa' ma giex onorat;

4. Illi l-intimat kien gie interpellat diversi drabi biex jonora l-obbligi tieghu nkluz tramite ittra legali datata 30 ta April 2013 (Dok. D) u ittra ufficjali tal-21 ta Mejju 2013 (Dok. E) pero dan baqa' ma hallas xejn, anzi rrisponda (18 ta Gunju 2013 Dok. F) li l-obbligu tieghu kien gie estint u/jew saldat bis-sahha ta' xi ftehim iffirmat mill-istess attrici;

5. Illi l-esponenta ma taf b'ebda ftehim ulterjuri ffirmat minnha li jista jimmilita favur l-intimat u kull ma taf hu li hija baqa' ma thalsitx ghas-servigi minnha rezi skond kif pattwit fil-precitati skritturi;

6. Illi l-fatti li jifformaw il-premessi ghat-talbiet tal-attrici huma maghrufa personalment minnha;

7. Illi in vista tal-kontenut tar-risposta tal-intimat, l-attrici ma kellhiex triq ohra hlief li tistitwixxi l-proceduri odjerni.

Ghaldaqstant, l-esponenta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara li l-intimat huwa debitur lejha a tenur tal-obbligi kontrattwali minnu assunti fuq iz-zewg skritturi datati 6 ta Frar 2007;

2. Konsegwentement tikkundanna lill-intimat ihallas lill-attrici dawk l-ammonti kontrattati fl-imsemmija skritturi privati jew okkorrendo kull ammont verjruri li jkun jidhrilha hekk xieraq u opportun.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa qed jigi ngunt personalment ghas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut tat-13 ta' Ottubru, 2014, li permezz tagħha eċċepixxa:

"1. Preliminarjament il-gudikat, stante li l-partijiet ittransigew il-kwistjonijiet kollha ta' bejniethom permezz ta' skrittura tal-1 ta' Marzu 2012.

2. F'kull kaz, l-esponent ma ghandu jhallas xejn lill-attrici peress li kwalsiasi ammont li seta' kien dovut gie mhallas ghas-saldu ta' kull pretensjoni.

3. F'kull kaz ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontriha kif ser jigi pruvat ahjar fil-kors ta' din il-kawza.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.”

3. Rat is-sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta’ Ottubru, 2016, li permezz tagħha l-kawża fl-ismijiet premessi ġiet deċiża fis-sens illi filwaqt li laqgħet it-talbiet attriċi, ordnat lill-konvenut iħallas l-ammont ta’ €58,240 lill-attriċi bl-imgħax mid-data tal-ittra uffiċjali tal-21 ta’ Mejju 2013. Bl-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Din hi kawza fejn l-attrici qed tallega li l-konvenut hu debitur taghha fis-somma ta’ €58,234 skond zewg skritturi datati 6 ta’ Frar 2007 (fol. 3 u 4 tal-process) li baqghu mhux saldati mentri l-konenut qed jallega li ebda somma ma hi dovuta ghax l-ammont tad-debitu thallas kif jidher mill-iskrittura datata 1 ta’ Marzu 2012 (fol. 21 tal-process u l-original esebit bhala Dok. MC1).

Hu pacifiku bejn il-partijiet illi l-attrici kellha sehem minn proprjeta li l-konvenut xtaq jixtri flimkien ma’ ishma ohra appartamenti lil hut l-attrici. Skond l-attrici hi weghdet lil konvenut li tirrendilu servizz fis-sens li jkun f’pozizzjoni li jakkwista l-ishma kollha u jekk javveraw ruhhom il-kondizzjonijiet imsemmija fl-istess skrittura hu jhallasha €58,234. Il-konvenut jixhed illi meta beda jinnegozija irrealizza li kien hemm diversi ishma li ma kienux jappartjenu lil familja immedjata tal-attrici u ghalhekk kellu jinnegozja maghhom ukoll. Il-kuntratt tal-akkwist sar fi Frar 2011.

Minn hawn il-quddiem hemm divergenzi fil-verzjonijiet tal-partijiet.

L-attrici tixhed illi meta sar il-kuntratt ta' akkwist il-konvenut ma kellux flus biex ihallasha dak miftiehem fl-2007 u talabha zmien biex ihallas. Hi ssostni li saret skrittura fejn il-konvenut inghata bejn sitt xhur sa sentejn zmien biex ihallas is-somma u mghax ta' 4% sakemm sar il-hlas. Din l-iskrittura ma nghatatx kopja taghha izda zammha l-konvenut. Izzid li meta saret l-iskrittura l-konvenut qatta l-originali tal-ftehim tal-2007 pero hi kienet ghamlet kopja u din hija dik esebita fl-atti. Fl-istess zmien tal-iskrittura tal-2011 il-konvenut taha cheque ghall-ammont dovut li kien post dated ghall-1 ta' Marzu 2013. Dan hu c-cheque esebit fl-atti a fol. 5 tal-process. Izzid illi fl-1 ta' Marzu 2012 il-konvenut hallas €2,340 neqsin €12 fi flus kontanti bhala mghax, u pprezentalha kitba maghmula bil-computer fejn skont hi ffirmat ghal hlas u ziedet paragrafu bil-kitba qabel il-firem fejn iccarat li l-hlas kien qed isir ghall-imghax. Hi tghid li l-iskrittura esebita mill-konvenut Dok. MC1 ma fihiex din il-kitba li ghamlet. Il-karta zammha hu u ma tahiex kopja. Dawn il-flus poggiethom il-Bank of Valletta. Hi tghid li fil-fatt iddepozitat €2,150 u l-bqija wzathom ghaliha. Dan id-depozitu skont lattrici jirrizulta fl-entrata tal-kont taghha Dok. JB1 a fol. 153 tal-process. F'Marzu 2013 rega' gara l-istess u l-konvenut hallas l-imghax ta' €2,340 u zzid li ta' €12 ohra li kienu nieqsa fl-ammont dovut fl-2012. Hi ma ddepozitatx dan l-ammont ghax kellha bzonnu ghaliha ghal infieq personali. Il-konvenut ma hallasx l-ammont tal-kapital dovut u talabha xahrejn zmien biex ikun jista' jbiegh xi proprjeta. Hi marret il-bank tivverifika jekk ic-cheque jissarrafx u l-bank qalilha li ma kienx hemm flus u ssuggerew li taghmel rapport lil pulizija. Hi fil-fatt marret ghand il-pulizija u l-pulizija qalulha terga' tmur il-bank biex il-bank jiddikjara fuq ic-cheque jekk kienx jista' jigi onorat. Dan sehh f'Gunju 2012. Sussegwentement marret ghand avukat fejn bdew jittiehdu l-passi legali.

Il-verzjoni tal-konvenut hi differenti. Hu jixhed li meta sar il-kuntratt tal-akkwist fl-2011 talab lil attrici ftit ta' zmien biex ihallasha. Hi talbitu cheque post dated. Hu jixhed li taha cheque mhux iffirmat peress illi kien hemm l-iskritturi li jaghmlu tajjeb. Fl-1 ta' Marzu 2012 hu hallasha s-somma shiha ta' €58,234 fi flus kontanti. Hu kien issellef €50,000 cash minghad habib tieghu Darren Grima u l-bqija harighom minn flusu. Hi qattghet l-iskritturi l-qodma u flokhom ffirmat l-iskrittura Dok. MC1. L-ammont ma jirriflettix il-hlas li sar ghax talbitu jnizzel ammont inqas biex jekk ir-ricevuta tigi f'idejn xi hadd ma jkunx jaf kemm thallset. L-iskrittura ffirmata a saldu ta' dak kollu li kellha tiehu. Ic-cheque ma tatulux lura. Wara xi zmien l-attrici ndunat li l-konvenut kellu jaghmel arrangamenti mal-inkwilini tal-fond mixtri biex ikun jista' jizviluppa u talbitu €15,000 ohra. Ghal habta ta' Mejju 2013 hi kitbitlu bl-avukat. Hu cahad li qatt hallas lil attrici xi flus bhala mghax ta' 4%. Il-firma fuq ic-cheque ma kienx jaf ta' min hi ghalkemm ic-cheque mahrug mill-kumpanija Trimbus Trading kienet bi shab bejnu u certu Johan Farrugia. Fil-kontroezami zied li hu ma hallashiex fl-2011 ghax riedet il-flus kontanti.

Darren Grima kkonferma li sellef €50,000 cash fl-2012 lil konvenut u gabhom minn Exchange Bureau fiz-Zurrieq. Ma zammx karti tat-

transazzjoni. Il-konvenut hallsu lura s-somma in kontanti xi hames xhur wara.

Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti

Hu fatt li hemm verzjoni konfilggenti mill-kontendenti jekk il-hlas tad-debitu accetat sehhx jew le. Kif qalet il-Qorti fil-kawza Mercury Investments Limited vs Roberta Grech deciza fil-21 ta' April 2016 liema sentenza nisslet il-principju applikabbli f'kaz ta' allegazzjoni ta' kreditu u eccezzjoni ta' hlas:

> "Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju mhuwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju ragonevoli. Izda fejn ikun hemm verzjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-principju ghandu jkun li tkun favorita t-tezi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni[1]. Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra ma ghandhiex tbati minn tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur[2]. Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lil Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, il-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista' toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta' xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju[3]. Fit-twettiq ta' ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta' gudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha[4];
>
> Illi tajjeb li wiehed izomm ukoll quddiem ghajnejh li d-difiza tal-imharrka f'din il-kawza tissejjes fuq l-eccezzjoni tal-hlas imwettaq ("exceptio soluti");
>
> Illi huwa maghruf li eccezzjoni bhal din hija wahda mit-toroq li bihom id-debitur ta' obbligazzjoni jista' jaghzel biex jehles minn talba tal-kreditur tieghu ghall-hlas ta' obbligazzjoni. Fiha nfisha, dik l-eccezzjoni timplika s-siwi tal-obbligazzjoni (art. 1147(1) tal-Kap. 16) u t-twettiq taghha min-naha tad-debitur (art. 1146 tal-Kap. 16). Billi l-hlas huwa wiehed mill-modi maghrufa mil-ligi (art. 1145(a) tal-Kap. 16) kif jintemmu l-obbligazzjonijiet, l-eccezzjoni tal-hlas, jekk tirnexxi, ggib maghha c-cahda tal-pretensjoni tal-kreditur li jibqa' jinsisti ghall-hlas (jigifieri t-twettiq tal-obbligazzjoni). Minhabba f'hekk ukoll – apparti mill-applikazzjoni tal-massima procedurali li min jallega jrid jipprova – meta d-debitur jallega l-hlas, jaqa' fuqu d-dmir li jissoddisfa lill-Qorti li dan kien tassew il-kaz, u ma jkunx l-obbligu tal-kreditur li jipprova l-kuntrarju. Biex tali eccezzjoni tilhaq l-ghan taghha, jehtieg ukoll li jintwera li l-hlas ikun

[1] Ara, per ezempju, PA NC 28/04/2004 fil-kawza fl-ismijiet Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et.
[2] 2 Ara, per ezempju, PA LFS 18/05/2009 fil-kawza fl-ismijiet Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.
[3] App 19/06/2006 fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Ciantar vs David Curmi noe.
[4] App Inf 09/01/2008 fil-kawza fl-ismijiet Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et.

> sar lil persuna li tassew kienet awtorizzata bil-ligi li tircevih[5]; Illi meta d-debitur jallega l-hlas, jaqa' fuqu d-dmir li jissoddisfa lill-Qorti li dan kien tassew il-kaz, u ma jkunx l-obbligu tal-kreditur li jipprova l-kuntrarju. Ir-ricevuta hija l-aqwa prova tal-hlas, u fin-nuqqas ta' prova bhal din titnissel il-prezunzjoni li l-hlas ma jkunx tassew sehh. Jezistu modi ohrajn, madankollu, kif jista' jintwera bi prova ohra xierqa li l-kreditu tal-kreditur ikun thallas[6];

Applikati dawn il-principji ghal kaz quddiem din il-Qorti, jitqies illi l-unika prova maghmula mill-konvenut li ssostni l-has tad-debitu u t-transazzjoni raggunta b'tali hlas hi l-iskrittura tal-1 ta' Marzu 2012 fejn hemm dikjarat li l-attrici qed tithallas €2,330 u li din is-somma hi 'in full and final settlement of any pending dues owed to her, furthermore Calleja has no further claims against Degiorgio whatsoever'.

L-attrici ssostni li l-ftehim fl-2011 kien li l-konvenut ihallasha mghax ta' 4% fis-sena sal-hlas finali tas-somma ta' €58,234 li kellu jsir fl-1 ta' Marzu 2013 skont ic-cheque moghti lilha mill-konvenut fl-istess zmien li sar il-ftehim tal-hlas fuq l-imghax. L-ammont ta' €2,340 fil-fatt jikkorrispondi ghal 4% imghax fuq is-somma tal-kreditu dovut.

Il-Qorti mhix konvinta mill-ispjegazzjoni tal-konvenuta dwar ir-raguni ghall-ammont ta' €2,340 imnizzla fl-iskrittura tal-1 ta' Marzu 2012 li giet iffirmata meta l-kontendenti kienu wahedhom u fejn l-attrici ma nghatatx kopja. Il-Qorti tqis inverosimili x-xiehda tal-konvenut ghaliex l-attrici ma riditx li jitnizzel l-ammont shih tal-kreditu mhallas fir-ricevuta Dok. MC1 u nonostante l-allegat hlas, l-attrici zzomm lura milli taghti lura c-cheque lil konvenut li f'dak iz-zmien cioe fl-2012 skont il-konvenut it-transazzjoni kienet kompluta u ma kienx hemm ebda intoppi. In oltre l-Qorti tara bhala inversomili li l-konvenut jixhed li l-ammont dikjarat fir-ricevuta kellu jkun €2,340 li mhux somma tonda u bla ebda sinifikat jekk mhix ghax tirraprezenta 4% imghax ezatt tas-somma dovuta. In oltre lanqas hi verosimili li l-ammont imnizzel gie mitlub li jsir hekk mill-attrici meta sar il-hlas tas-somma kollha fl-2012 meta jidher bhala fatt illi din ir-ricevuta kienet gia lesta meta allegatament sar il-hlas tas-somma kollha mill-konvenut meta giet iffirmata r-ricevuta. Ghalhekk il-Qorti ma tqis li din l-iskrittura kienet verament transazzjoni kif trid il-ligi ai termini tal-artikolu 1718 et seq. tal-Kap. 16 ghax jonqos fiha l-element tal-volontarjeta u konsapevolezza cara li l-intiza taz-zewg partijiet kienet li jevitaw li ssir kawza bil-ftehim milhuq. Il-fatti ma jinkwadrawx ruhhom f'din is-suppozizzjoni legali li fl-ahhar mill-ahhar tiddependi mill-piz probabtorju tal-istess skrittura mgharbel mal-fatti u cirkostanzi li taw lok ghaliha.

Rigward il-hlas tal-€50,000 fi flus kontanti li ghaddew min Darren Grima ghand il-konvenut ghalkemm ma hemmx prova ta' kif sar ezattament l-

[5] PA 14/03/1957 fil-kawza fl-ismijiet Zammit vs Montanaro Gauci noe et (Kollez. Vol: XLI.ii.930).
[6] PA 23/02/1965 fil-kawza fl-ismijiet Darmanin vs Muscat (Kollez. Vol: XLIX.ii.776) u App. Civ. 5.10.1998 fil-kawza fl-ismijiet Chetcuti et vs Pearson et noe (Kollez. Vol: LXXXII.ii.317 a fol. 322 - 3).

izbank tal-flus minn Grima, l-istess Grima jixhed li hu ma kienx konsapevoli tar-raguni ghal dan is-self. Il-konvenut esebixxa bank statement ta' zbank ta' €50,000 mill-kont tieghu (fol. 27 tal-process) fit-18 ta' Awwissu 2012. Darren Grima jixhed li hu thallas lura f'Awwissu 2012. Din il-prova pero ma twassal imkien li tipprova li anki jekk Darren Grima silef €50,000 lil konvenut, dawn intuzaw biex bihom tithallas l-attrici, iktar u iktar meta l-konvenut hu fin-negozju u skont ix-xhud Darren Grima gieli hadmu flimkien fin-negozju.

In kwantu ghall-istess skrittura tal-2012 miktuba bl-Ingliz l-attrici tixhed li hi ma tifhimx bl-Ingliz, apparti li kellha problema fil-vista li marret ghall-aghar fl-2013. Hi tinsisti li staqsiet lil konvenut jekk ir-ricevuta kinitx tghid li l-hlas qed isir tal-imghax u hu assikuraha li hekk tghid l-iskrittura. Izzid li ricevuta ohra simili saret fl-2013 pero anki din ir-ricevuta zammha hu bhal ma zamm tal-2012. Hu minnu illi l-attrici tghid li fuq ir-ricevuta tal-2012 kitbet bil-biro li l-flus huma ghall-imghax u r-ricevuta esebita ma turix dan. Pero hi l-fehma tal-Qorti li din id-diskrepanza fix-xiehda tal-attrici ma teghlibx id-diskrepanza akbar fil-provi tal-konvenut dwar il-hlas effettwat. Di piu l-kont bankarju tal-attirci fil-BOV a fol. 153 tal-process juri dhul ta' €2,150 fit-2 ta' Marzu 2012 u l-attrici tispjega li zammet parti mill-imghax imhallas ghal bzonnijiet taghha u l-bqija ddepozitatu. Ma ghamlitx l-istess ghall-imghax tal-2013 ghax zammithom kollha ghal bzonnijiet taghha peress li kien ghadu kif miet zewgha.

Wara kollox kif qalet il-Qorti tal-Appell Inferjuri:

> "Issa huwa minnu illi l-konvenut jinsisti li hu dak il-hlas ghamlu "in full and final settlement", izda anke hawn wiehed irid joqghod attent illi ma jiddeducix leggerment illi ghal dik ir-raguni u ghat-tisrif tac-cheque, il-kreditur jigi b'daqshekk li tilef id-dritt tieghu li jirreklama l-bilanc dovut. Jezisti kaz u kaz, kif gja din il-Qorti kellha okkazjoni tirrikonoxxi u tesprimi fid-decizjoni taghha fl-ismijiet "Peter Attard -vs- Lawrence Fino", 28 ta' Marzu, 2008. Din il-Qorti ma tistax telimina illi, wkoll f'dan il-kaz, mhux eskluz illi verament l-attur ghadda biex sarraf dak ic-cheque ghax kien imwieghed li ser jithalas il-bilanc mill-konvenut;
>
> Ara f'dan is-sens William Bugeja vs Stephen Carter (06/10/2010) u Peter Attard vs Lawrence Fino (28/03/2008).

Il-Qorti tqis li dan l-insenjament fuq il-valur probatorju tal-kwittanza ghandu japplika f'dan il-kaz.

Il-Qorti ma tqis verosimili l-allegazzjoni tal-konvenut li l-attrici talbet aktar flus ghax saret taf b'xi arrangamenti li l-konvenut ghamel mal-inkwilini biex jizviluppa l-proprjeta mixtrija u dan meta allegatament thallset l-ammont kollu dovut avolja skont il-konvenut kellu jithabat biex jixtri ishma li l-attrici lanqas qaltlu bihom. Di piu hi azzjoni anomala u perikoluza hafna da parti tal-attrici li thallset kull ma kellha tiehu, u tirraporta lil pulizija li c-cheque tal-kreditu dovut ma ssarrafx meta

> allegatament hi thallset il-kreditu. L-imgieba tal-attrici ma tikkombacja xejn mal-verzjoni tal-fatti li ta l-konvenut.
>
> Invece x-xiehda tal-attrici hi verosimili mill-bidu sal-ahhar bl-eccezzjoni kif inghad fuq il-kitba li hi tghid li ghamlet fuq l-iskrittura tal-hlas tal-2012 li din il-Qorti tammetti ma taghrafx taghti spjegazzjoni ghaliha. Dak li tixhed l-attrici hu pero fil-bqija verosimili tenut kont ta' dak li sehh. Hi giet imwieghda Lm25,000 fl-2007 meta l-konvenut ried jixtri l-proprjeta li taghha l-attrici kellha sehem. Meta sar il-kuntratt fl-2011 sar ftehim iehor ghax il-konvenut ma setghax ihallas is-somma imweghda u fejn l-istess konvenut inghata sentejn biex ihallas u imghax fil-frattemp ta' 4%. Dan jikkorobora d-data tac-cheque tal-ammont dovut post dated ghall-1 ta' Marzu 2013 u t-tqattiegh mill-konvenut tal-original tal-iskrittura tal-2007. Il-hlas tal-2012 bir-ricevuta jindika l-imghax ta' €2,340 u l-fatt li l-attrici ma tifhimx bl-Ingliz, ma tarax sew u afdat lil konvenut ma ghandux jittiehed bhala rinunzja ghad-drittijiet taghha semplicement ghax l-imsemmija ricevuta tal-2012 saret a saldu tal-pretensjonijiet attrici li lanqas huma specifikati fl-istess skrittura. Il-kitba fil-fehma tal-Qorti ma tirriflettix l-intenzjoni tal-partijiet. Hi verosimili wkoll il-verzjoni tal-attrici illi meta sar il-hlas tas-somma, hi marret il-bank biex tivverifika c-cheque jissarafx. Meta l-bank qalilha li ma jissarrafx marret tfittex parir legali u azzjoni civili u tehid ta passi ta' natura kriminali. Id-dokumenti bankarji kollha tal-attrici esebiti fl-atti mkien ma juru illi bejn l-2012 u 2013 l-attrici ddepozitat xi somon ta' flus li juru hlas ta' €58,240 kontanti allegatament imhallsa mill-konvenut.
>
> Il-Qorti tqis illi l-provi jaghtu ragun lil attrici illi l-kreditu ghadu ma thallasx u illi l-konvenut ma rnexxilux jipprova a sodisfazzjoni tal-Qorti illi fil-fatt dan il-kreditu gie mhallas u ghalhekk it-talbiet attrici jisthoqqilhom jigu milqugha."

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut Brian Degiorgio li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Ottubru, 2016, tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu u konsegwentement tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha.

6. Rat ir-risposta tal-appell tal-attriċi Maria Stella Calleja, li permezz tagħha wieġbet li s-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-5

ta' Ottubru, 2016, jistħoqqilha li tiġi kkonfermata fl-intier tagħha u konsegwentement talbet lil din il-Qorti tirrespinġi l-appell ippreżentat mill-konvenut appellant, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess konvenut appellant.

7. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell in eżami waqt is-seduta tat-13 ta' Jannar, 2022.

8. Rat l-atti kollha tal-kawża, inkluż id-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

9. Illi din il-kawża titratta talba għall-ħlas ta' somma flus riżultanti minn żewġ skritturi privati bejn il-kontendenti, li saru t-tnejn fis-6 ta' Frar, 2007, fejn jingħad li l-konvenut Degiorgio qiegħed jaċċetta u jaqbel li jekk jirnexxilu jakkwista b'titolu oneruż, il-proprjeta` hemm imsemmija, skont konvenju li sar fl-istess ġurnata, huwa jkollu jagħti lill-attriċi s-somma komplessiva ta' Lm25,000 (Lm10,000 u Lm 25,000) ekwivalenti għal €58,234.34, bħala kumpens għal serviġi reżi mill-attriċi in konnessjoni ma' tali xiri.

10. Il-konvenut jiċħad it-talbiet attriċi u jikkontendi li m'għandu jagħti xejn lill-attriċi, peress li l-partijiet ittransiġew il-kwistjonijiet kollha ta'

bejniethom, permezz ta' skrittura datata l-1 ta' Marzu, 2012, kwindi hemm ġudikat. F'kull każ, huwa jikkontendi li m'għandu jħallas xejn lill-attriċi, peress li kwalsiasi ammont li seta' kien dovut ġie mħallas għas-saldu ta' kull pretensjoni. Fi kwalunkwe każ, il-konvenut jikkontendi li t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontriha.

11. L-ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża a bażi ta' kredibilita` fejn għażlet il-verżjoni tal-attriċi bħala l-aktar waħda kredibbli, u dik tal-konvenut bħala inverosimili għalhekk laqgħet it-talbiet attriċi, stante li l-provi jagħtu raġun lill-attriċi li l-kreditu għadu ma tħallasx u li l-konvenut ma rnexxilux jipprova li l-kreditu ġie mħallas u għalhekk filwaqt li t-talbiet attriċi jistħoqqilhom li jiġu milqugħa, ordnat lill-konvenut iħallas l-ammont ta' €58,240 lill-attriċi, bl-imgħax mid-data tal-ittra uffiċjali tal-21 ta' Mejju, 2013.

12. Il-konvenut ħassu aggravat bl-imsemmija sentenza u interpona appell minnha. L-appell tiegħu jissejjes fuq erba' aggravji:

(i) l-ewwel Qorti żbaljat meta qieset li l-iskrittura tal-1 ta' Marzu, 2012 bejn il-kontendenti ma kinitx tikkostitwixxi transazzjoni u għalhekk ġudikat bejn il-partijiet;

(ii) f'kull każ u mingħajr preġudizzju, l-ewwel Qorti żbaljat meta qieset li l-appellant ma ħallasx lill-appellata l-ammont sħiħ għas-saldu;

(iii) inoltre u mingħajr preġudizzju wkoll, il-konvenut jilmenta li l-ewwel Qorti għamlet assunzjonijiet u dikjarazzjonijiet żbaljati fil-konfront tiegħu, liema assunzjonijiet ġew miċħuda bi provi fl-istess kawża;

(iv) fl-aħħar ilment tiegħu, il-konvenut jisħaq li l-ewwel Qorti ma setgħet qatt tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha peress li jeżistu provi kunfliġġenti bejn il-kontendenti u għalhekk in forza tal-prinċipju li l-attur għandu jipprova l-każ tiegħu, it-talbiet attriċi kellhom jiġu miċħuda.

13. L-attriċi twieġeb fl-appell tagħha li in kwantu l-aggravji tal-konvenut huma bbażati fuq apprezzament ta' fatti li għamlet l-ewwel Qorti, fis-smigħ tax-xhieda u tal-provi prodotti quddiemha, il-ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati hija fis-sens li din il-Qorti m'għandhiex il-funzjoni li terġa' tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi mressqa fl-ewwel istanza, sakemm ma jiġix ippruvat li ser tinħoloq inġustizzja ta' natura sostanzjali.

14. Illi għandu jingħad mal-ewwel li, sa fejn l-attriċi appellata fir-risposta tagħha tgħid li din il-Qorti m'għandhiex il-funzjoni li tagħmel

apprezzament mill-ġdid tal-provi. Huwa minnu li l-apprezzament magħmul mill-ewwel Qorti, m'għandux normalment jiġi disturbat minn Qorti tat-tieni grad, ħlief meta l-apprezzament tal-provi jkun sar b'mod manifestament ħażin jew li tkun sodisfatta li tkun ser tiġi kommessa inġustizzja jekk ma tintervjenix. Iżda fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-18 ta' Lulju, 2017, fil-kawża fl-ismijiet **Therese Pace v. Carmela Borg,** ingħad ukoll li:

> "Din il-Qorti pero' tapprezza wkoll li xorta hu d-dover taghha li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar recenti u kostanti fil-materia." [App. Attard v Direttur tas-Sahha, 31 Mejju 2014, riprodotta b' approvazzjoni fil-kawza App.S Joseph John Parnis vs Mary Parnis, 31 Ottubru 2014].

Kwindi din il-Qorti għandha s-setgħa li tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat u tkun qiegħda tabdika mir-responsabbilita` tagħha, jekk bħala Qorti tat-tieni grad, tonqos milli tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti. Isegwi li huwa meħtieġ li din il-Qorti tidħol fil-qofol tal-mertu tal-aggravju tal-appellant sabiex tasal għall-konklużjoni tagħha.

15. Konsidrat li l-pern tal-każ jiċċentra madwar l-apprezzament tal-provi jitqies xieraq li l-ewwel jiġi trattat l-aħħar aggravju tal-konvenut appellant dwar il-prinċipji regolatorji dwar il-provi konfliġġenti li jingħad kellhom ixeqilbu favur il-konvenut appellant u dan skont il-prinċipju *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat.* Huwa jisħaq li, kien jispetta lill-attriċi tressaq prova sodisfaċenti li hija kienet kreditriċi tiegħu u li huwa

qatt ma kien ħallasha u dan fid-dawl tal-iskrittura li huwa ressaq ta' transazzjoni u ħlas a saldu. L-appellant isostni li kemm-il darba din il-prova ma ssirx, l-ewwel Qorti kellha tqis li l-parti attriċi naqset milli twettaq il-parti probatorja tagħha kif meħtieġ. Kien jispetta lill-attriċi li tressaq l-aħjar prova, li ssostni dak li hija tallega, mentri l-appellant jisħaq li huwa ressaq prova eżawrijenti dwar it-transazzjoni u l-ħlas li sar għas-saldu. Fisser kif ressaq prova li huwa ħallas lura l-€50,000 li kien issellef mingħand Darren Grima u ta' spjegazzjoni ċara u kredibbli għala fuq l-iskrittura ta' transazzjoni nkitbet figura differenti minn dik oriġinarjament pretiża mill-attriċi. Il-ġudikant fil-kamp ċivili għandu jiddeċiedi fuq provi li jinduċu ċertezza morali fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet u meta dik iċ-ċertezza ma tirriżultax, għandu japplika l-prinċipju tal-*in dubio pro reo* u jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju. Kwindi filwaqt li jagħmel referenza għall-ġurisprudenza in sostenn ta' dawn il-prinċipji, isostni li l-ewwel Qorti żbaljat meta qieset il-verżjoni tal-attriċi bħala aktar verosimili minn tiegħu.

16. Għandu jiġi osservat li, skont il-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah (Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta). Fir-rigward tal-materja ta' provi, jingħad ukoll li tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti fil-kawża, kemm fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), kemm fuq il-konvenut

in sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretensjonijiet tal-attur (*reus in excipiendo fit actor*) – Ara **Vol. XLVI/i/5**. Fil-kors tal-kawża, dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għaliex, kif ingħad, *"jista' jkun ġie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta"* – (Ara **Vol. XXXVII/i/577**, kif ukoll is-sentenza moghtija fit-12 ta' April, 2007, minn din il-Qorti (Sede Inferjuri), fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Tonna v. Philip Azzopardi**). Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, tajjeb jingħad li l-ewwel oneru tal-prova kien jispetta lill-attriċi li tipprova l-kreditu tagħha, iżda l-piż tal-prova tal-pagament jaqa' fuq id-debitur li jallegah, f'dan il-każ il-konvenut.

17. Inoltre, kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Mejju, 2010, fil-kawża fl-ismijiet **Louis Zammit v. Maria Assunta Spiteri:**

> "*Fil-gurisprudenza taghna dejjem gie ritenut li l-prova tal-pagament u/jew ta' l-eccessivita` tal-kreditu reklamat kienu certament jinkombu fuq il-konvenut li jallegahom; min jallega l-pagament ghandu jippruvah ghas-sodisfazzjon tal-Qorti (Vol. XLIX P II p 776). Fid-dubju u fin-nuqqus ta' ricevuta, ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx (Vol. XXXVII P I p 525), jekk ma jigix pruvat – kif del resto ma sarx f'dan il-kaz – b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt (Vol. XXXV P III p 604; Desmond Mizzi noe –vs- Patrick Filletti pro et noe, Appell, 28 ta' Jannar 2000).*
>
> *13. Insibu wkoll li:*
>
> *Essenzjali f'kawzi ta' din ix-xorta hi l-applikazzjoni bil-principju [recte: tal-principju] illi min jallega jrid jipprova. Il-prova incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Fil-kaz taht ezami il-qofol tal-mertu hu l-eccezzjoni tal-konvenuti nomine illi huma hallsu dak kollu li kien minnhom dovut. Jeccepixxu allura l-pagament u kien jispetta lilhom li jippruvaw dan b'mod konvincenti u konklussiv*."[7]

[7] Joe Chetcuti et vs Joseph Pearson et noe, Qorti tal-Appell, deciza fil-5 ta' Ottubru 1998.

Relevanti wkoll hija l-ġabra ta' ġurisprudenza, fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża fit-12 ta' Diċembru 2002, fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Borg nomine v. Norman Buckle nomine et,** ikkonfermata minn din il-Qorti fil-prinċipju li, il-piż tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah u jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju għandu jiġi riżolut favur l-attur.

18. F'dan il-każ, importanti li jiġi ppreċiżat li filwaqt kien jispetta lill-attriċi li tagħti l-aħjar prova tal-eżistenza tal-kreditu favur tagħha u dan għamlitu billi ressqet iż-żewġ skritturi privati datati 6 ta' Frar, 2007, kuntrarjament għal dak li jingħad mill-konvenut appellant, ma kienx jispetta lill-attriċi li tressaq prova li huwa ma ħallashiex, iżda kien jispetta lilu li jressaq prova sodisfaċenti sabiex isostni l-eċċezzjonijiet tiegħu ta' transazzjoni u ħlas a saldu. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, f'dan l-istadju din il-Qorti ser tgħaddi sabiex teżamina l-ewwel żewġ aggravji tal-konvenut appellant fid-dawl ta' dawn il-prinċipji hawn appena spjegati.

19. Fl-ewwel aggravju jingħad mill-konvenut appellant li l-ewwel Qorti żbaljat meta qieset li l-iskrittura tal-1 ta' Marzu, 2012, bejn il-kontendenti ma kinitx tikkostitwixxi transazzjoni u għalhekk ġudikat bejn il-partijiet. Huwa jikkritika lill-Qorti meta qieset li l-verżjoni mogħtija minnu ma kinitx waħda veritiera, apparti li rriteniet li kien jonqos fl-attriċi l-element ta'

volontarjeta` u konsapevolezza ċara li l-intiża taż-żewġ partijiet kienet li jevitaw li ssir kawża bil-ftehim milħuq. Il-konvenut appellant isostni li l-analiżi li għamlet l-ewwel Qorti kienet waħda żbaljata. Filwaqt li jagħti rassenja mill-ġdid tal-fatti, jisħaq li l-kwistjoni bejnu u bejn l-attriċi appellata ġiet transatta definittivament permezz tal-iskrittura tal-1 ta' Marzu, 2012, fejn hemm dikjarat li l-attriċi qiegħda taqbel u taċċetta li titħallas is-somma ta' €2,330 fi flus kontanti u li din is-somma hija '*in full and final settlement of any pending dues owed to her, furthermore Calleja has no further claims against Degiorgio whatsoever'*. Jagħmel referenza għall-Artikoli 1718 u 1729 tal-Kodiċi Ċivili dwar it-transazzjoni, kif ukoll għall-ġurisprudenza dwar l-elementi ta' transazzjoni. Jisħaq li l-iskrittura saret mingħajr intervent dirett ta' persuna legali u saret peress li huwa ried jittransiġi l-kwistjonijiet li kellu mal-attriċi, fejn hija qablet li ma kellha l-ebda pretensjoni ulterjuri, peress li hija tħallset għas-saldu. Jikkontendi li pprepara l-iskrittura bis-somma ta' €2,330, wara li talbithielu l-attriċi u mar biha lesta. Jinsisti li minkejja li l-attriċi allegat li kitbet fuq l-iskrittura bil-*biro* fis-sens li din is-somma kienet tirrappreżenta l-imgħax, dan mill-provi ma jirriżultax. Minkejja li l-ewwel Qorti ma setgħetx tagħraf tagħti spjegazzjoni għal dan, isostni li żbaljat meta għażlet il-verżjoni tal-attriċi bħala waħda verosimili. Dan minkejja li, huwa ressaq prova li ssellef is-somma ta' €50,000 mingħand Darren Grima, ressaq lil dan l-individwu bħala xhud u ressaq prova wkoll li huwa ġibed din is-somma ta' €50,000 mill-kont tiegħu sabiex iħallas lura s-somma mislufa lilu. Kwindi jsostni li

l-elementi ta' transazzjoni huma sodisfatti u l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda raġuni legali għalfejn tagħżel mod ieħor.

20. Jibda billi jiġi osservat li, kif ingħad fis-sentenza deċiża minn din il-Qorti fit-8 ta' Ottubru, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **Kummissarju tal-Artijiet v. Salvatore Bezzina et**:

> *"... l-ligi tipprovdi tifsira ta' kuntratt ta' transazzjoni permezz tal-Artikolu 1718 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) fejn jinghad li dan huwa:*
>
> > *"kuntratt li bih il-partijiet, b`xi haga li jaghtu, iwieghdu, jew izommu, jaghtu tmiem ghall-kawza mibdija, jew jevitaw kawza li tkun sejra ssir".*
>
> *Fit-trattat tieghu "Istituzioni di Diritto Civile" (pg 851-852), Trabucchi jghid li*
>
> > *"la transazione infine e` il contratto con il quale le parti pongono fine a una lite gia` cominciata prevengono una lite che sta per sorgere tra loro, facendosi reciproche concessioni …La transazione non puo' essere provata con testimoni; richiede la prova scritta"*
>
> *Huwa pacifiku illi t-transazzjoni hija karatterizzata minn zewg elementi kostituttivi u cioe` ir-res dubia, ossia r-rapport guridiku incert illi jezisti bejn il-partijiet, u r-rieda tal-istess partijiet illi jtemmu dak id-dubju billi jinnegozjaw ftehim mibni fuq koncessjonijiet reciproci bil-ghan illi jintlahaq il-quid medium, jigifieri l-qbil jew kompromess bejn il-pretensjonijiet illi taw lok ghal-litigju. Dawn iz-zewg elementi distintivi ta' transazzjoni gew ukoll deskritti hekk: l-ewwel wiehed hu d-dubju, li minnu jridu johorgu l-partijiet billi jirrizolvuh huma stess minflok ihallu d-decizjoni fuqu ghall-Qorti; ittieni hu dak li l-prattici jsejhu l-"hinc inde remissum", cjoe il-koncessjoni jew sagrificcju reciproku." (Kollez. Vol. XLIII.I.418; Micallef noe v. Vella – Appell Civili – 8 ta' Marzu, 1991; Caruana et v. Gauci – Appell Civili – 7 ta' Ottubru, 1997; Schembri v. Moscalenko – PA - 9 ta' Gunju, 2004; u Cini v. Cini – Appell Inferjuri – 22 ta' Marzu, 2006)."*

Hekk ukoll, fis-sentenza deċiża minn din il-Qorti fit-3 ta' Frar, 2012, fil-kawża fl-ismijiet **Ronald Azzopardi v. Francis Bonello et** ingħad:

*"Transazzjoni li saret bil-miktub, kif titlob il-ligi (Artikolu 1233 tal-Kodici Civili). Bhala kull kuntratt iehor, it-transazzjoni tehtieg ukoll il-kapacita' tal-partijiet, il-kunsens, l-oggett u l-kawza. Min-natura taghha transazzjoni hi negozju li bih il-partijiet jaghtu lok sabiex tintemm kwistjoni li dwarha hemm kawza jew li tkun ser issir kawza, u dan billi jaghtu koncessjonijiet reciproci; "Senza il reciproco sacrificio, che le parti accettano per eliminare il fastidio, le spese ed il rischio di un processo, non v'e' trasazione: se, per esempio, una delle parti rinuncia puramente e semplicemente al suo punto di vista ed accetta integralmente quello dell'altro, vi e' rinuncia a resistere o ad agire, ma non transazione, perche' questa si realizza solo quando vi siano concessioni reciproche, cioe' da entrambe le parti." (Manuale di Diritto Privato, A. Torrente u P. Schlesinger (Giuffre' Editore, (2007) pagna 738)[8].*

Fil-fehma tal-Qorti, l-iskrittura tal-1 ta' Marzu, 2012, m'għandhiex in-natura ta' transazzjoni. Minnha ċertament ma jirriżultax li l-konvenut qiegħed iċedi jew jissagrifika xi ħaġa, iżda hija l-attriċi li suppost fiha tirrinunzja għal kull pretensjoni li jista' jkollha kontra l-konvenut. Dan meta mill-provi in atti ma tirriżultax il-volontarjeta` jew ir-rieda tal-attriċi li tagħmel tali rinunzja għad-drittijet tagħha ta' ħlas ta' kreditu, riżultanti mill-iskritturi tal-2007 (kif ser jiġi spjegat aktar 'il quddiem taħt it-tieni aggravju).

21. Apparti dan, meta wieħed iqis li skont l-iskritturi li kellha l-attriċi f'idejha fejn jirriżulta li ġaladarba seħħ in-negozju ta' bejgħ hija ssir kreditriċi tal-konvenut fis-somma totali ta' Lm25,000 (ekwivalenti għal €58,234.34) qajla tagħmel sens it-teżi tal-konvenut li hija nsistiet li tinħareġ irċevuta ta' €2,330, peress li ma riditx li jkun hemm x'juri li hija

[8] Ara Michele Casha vs Edgar Naudi deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Ottubru 1950 (Volum XXXIV.ii.690).

ħadet is-somma ta' Lm25,000. Dan meta teżisti skrittura anzi tnejn, fejn komplessivament tissemma din iċ-ċifra. Saħansitra l-attriċi aċċettat *post-dated* ċekk għas-somma sħiħa rappreżentata fiż-żewġ skritturi. Huwa minnu li mill-atti tal-kawża ma jirriżultax ftehim bil-miktub dwar l-imgħax fuq din is-somma. Madankollu, l-ispjegazzjoni mogħtija mill-attriċi li hija kienet konvinta li l-ħlas ta' €2,330 li seħħ fl-1 ta' Marzu, 2012, kien jirrappreżenta biss l-imgħax bir-rata ta' 4%, li l-konvenut ħallas sakemm ikollu l-flus sabiex iħallas il-kapital li wegħdha, hija sostnuta mill-fatt li l-għada li sar dan il-ħlas, hija ddepożitat l-ammont ta' €2,150 fil-bank. Li kieku l-konvenut ħallasha s-somma ta' 'l fuq minn €50,000, allura wieħed kien jistenna li jirriżulta depożitu ferm ogħla minn dak ta' €2,150! Huwa minn ewl id-dinja li l-konvenut jippretendi li jitwemmen li minkejja li jingħad li ħallas lill-attriċi 'l fuq minn €50,000, jaċċetta li jingħata rċevuta ta' €2,330, jew li issa jingħad minnu li pprepara l-iskrittura tal-1 ta' Marzu, 2012, fejn tissemma s-somma ta' €2,330 bħala ħlas għas-saldu, minn qabel, fuq talba tal-istess attriċi!

22. Huwa minnu li minkejja li l-attriċi tinsisti li hija kitbet fuq il-karta li dan l-ammont ta' €2,330 kien jirrappreżenta l-imgħax, minn eżami ta' dan id-dokument effettivament dan ma jirriżultax. Iżda dan in-nuqqas ma jagħmilx il-verżjoni tal-konvenut aktar kredibbli. Kif ġustament osservat mill-ewwel Qorti, il-fatt li s-somma ta' flus ta' €50,000 kontanti għaddew mingħand Darren Grima għal għand il-konvenut u minkejja li l-konvenut

esebixxa rendikont tal-bank minn fejn jirriżulta li sar żbank mill-kont tiegħu ta' €50,000 fit-18 ta' Awwissu, 2012, u x-xhieda ta' Darren Grima fis-sens li tħallas lura s-somma ta' €50,000 mislufa minnu, dawn il-provi fihom innifishom mhumiex b'saħħithom biżżejjed, li jsostnu li sar il-ħlas ta' €50,000 lill-attriċi. Wara kollox, jirriżulta wkoll li kemm il-konvenut, kif ukoll Darren Grima, it-tnejn jaħdmu fin-negozju u skont l-istess Grima, ġieli ħadmu flimkien fin-negozju. Din il-Qorti, bħal ta' qabilha ma tqisx li l-konvenut seħħlu li jipprova li jinsabu sodisfatti l-elementi ta' transazzjoni u għalhekk l-ewwel aggravju ser jiġi miċħud.

23. Imiss li jiġi trattat it-tieni aggravju, dak fejn il-konvenut appellant jikkontendi li l-ewwel Qorti żbaljat meta qieset li ma sarx ħlas għas-saldu. Huwa jisħaq li ressaq l-aħjar prova li ħallas lill-attriċi s-somma sħiħa ta' €58,234.34 dovuta minnu u proprju għalhekk ġiet iffirmata l-iskrittura tal-1 ta' Marzu, 2012. Jinsisti li l-attriċi appellata ffirmat l-iskrittura li turi li huwa ma fadallu xejn aktar x'jagħtiha u kien fuq insistenza tal-attriċi li tniżżlet is-somma ta' €2,330 sabiex ma tinkixifx li kienet ħadet Lm25,000 minn wara dahar familtha. Il-konvenut appellant itenni li huwa onora l-ftehim kollu li kellu mal-attriċi fis-sħiħ u jerġa' jagħmel referenza għall-fatt li ssellef is-somma ta' €50,000 u l-provi relattivi għal dan il-fatt. Jagħmel referenza għall-ġurisprudenza in sostenn tal-argument tiegħu li ressaq prova konvinċenti u eżawrijenti li l-ħlas sar għas-saldu. Min-naħa l-oħra, jikkontendi li għalkemm l-attriċi tikkontesta li l-ħlas kien wieħed għas-

saldu, peress li hija ssostni li dak il-ħlas kien limitat għall-imgħax bir-rata ta' 4% skont il-ftehim ta' bejniethom, iżda huwa jiċħad li kien hemm ftehim dwar imgħax, li wara kollox ma jirriżulta minn ebda skrittura. Jisħaq li l-istess attriċi ma setgħetx tispjega kif l-iskrittura tal-1 ta' Marzu, 2012, ma kellhiex il-kitba bl-idejn li tikkontendi li għamlet fuqha, ħlief li tpoġġi f'dubju dwar l-awtenticita` tagħha, iżda għal darb'oħra ma ressqet ebda prova f'dan is-sens. Il-konvenut appellant jagħmel referenza għall-fatt li għalkemm l-attriċi minn jeddha pproduċiet estratti minn tliet kontijiet bankarji, mix-xhieda tar-rappreżentanti tal-banek lokali rriżulta li hija kellha numru kbir ta' kontijiet bankarji attivi u jirriżulta li spiss kienet tagħmel użu minn flus kontanti. Għalhekk fil-fehma tiegħu tirriżulta prova ċirkostanzjali li l-attriċi spiss kien ikollha f'idejha ammonti kbar ta' flus kontanti, kif jirriżulta f'dan il-każ. Il-konvenut appellant iqis ukoll stramb li l-ewwel Qorti abbraċċjat l-allegazzjoni tal-attriċi li, fl-2013 sar ħlas ieħor ta' Lm1,000, meta suppost kien għad fadallu jħallasha Lm25,000. Isostni li l-attriċi ma kienet qatt ser taċċetta l-ħlas ta' Lm1,000 meta skontha kien għad fadlilha tiegħu Lm25,000. Dan meta żammet ukoll ċekk maħruġ minnu sabiex theddu bi proċeduri kriminali. Itenni li ġaladarba ressaq prova konklussiva li wettaq ħlas għas-saldu favur l-attriċi u ma teżisti l-ebda prova kuntrarja għajr l-allegazzjonijiet inverosimili tal-attriċi, it-tieni eċċezzjoni tiegħu kellha tiġi milqugħa.

24. Fir-rigward ta’ dan it-tieni aggravju, jibda billi jiġi osservat illi l-Qrati tagħna ġeneralment addottaw pożizzjoni riġida dwar il-kwistjoni ta’ ħlasijiet a saldu, hekk li ngħad li: “*jekk id-debitur offerent jiddikjara b’mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament għas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, m’ghandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaccettah b’kundizzjonijiet u riservi li neċessarjament huma inkonsistenti ma’ offerta ta’ pagament a saldu*” ( Ara sentenza fl-ismijiet **William Apap v. Joseph Galea et. noe**., Appell Kummerċjali 26/11/1986). Kif ukoll, fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Penza v. John Mallia** (Appell Kummerċjali 06/05/1991), filwaqt li l-Qorti kkwotat b’approvazzjoni dak li qalet il-Qorti fil-każ ta’ **Apap v. Galea et. noe,** pero` issottolineat illi dan japplika “*f’ċirkostanzi normali*”.

25. Madankollu, kien hemm sentenzi oħra fejn il-Qrati ddeċidew li dan il-prinċipju m’għandux ikun wieħed assolut jew totalment inflessibbli li ma jippermettix deroga minnu fiċ-ċirkostanzi kongruwi. Hekk per eżempju ngħad fis-sentenza ta’ din il-Qorti (Sede Inferjuri) tat-28 ta’ Marzu, 2008, fil-kawża fl-ismijiet **Peter Attard v. Lawrence Fino et.** Hekk ukoll fis-sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Agius Marble Works Ltd. v. AX Construction Limited,** ikkonfermata minn din il-Qorti fil-31 ta’ Ottubru, 2007, ingħad ukoll li: “*jekk tassew jirriżulta li saru xogħlijiet oħra li għalihom għadu ma sarx ħlas, u għalhekk l-istqarrija li l-ħlas sar għas-saldu kienet żbaljata, ir-riċevuta ma żżommx lill-attriċi milli*

*titlob ħlas għal xogħol li għamlet u li għadha ma tħallsitx għalih*[9]*.... meta ġiet iffirmata d-dikjarazzjoni, kien effett ta' żball u konsegwentement is-soċjeta` attriċi kellha kull dritt li terga' tiftaħ il-kwistjoni dwar l-ammonti dovuti u li ma kienux inklużi fil-kont "finali"".* (sottolinjar ta' din il-Qorti).

26. Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, konsidrat il-fatt li l-iskrittura tal-1 ta' Marzu, 2012, li fiha jingħad li kien qiegħed isir ħlas ta' €2,330 bħala wieħed *in full and final settlement,* magħmula l-konsiderazzjonijiet ta' qabel, li effettivament l-attriċi l-għada ddepożitat is-somma ta' €2,150, tqis diffiċli temmen li effettivament hija tħallset 'il fuq minn €58,000 u ddepożitat biss parti hekk żgħira mill-ammont imħallas lilha. In-nuqqas tal-għarfien da parti tal-attriċi tal-linwa Ingliża, il-fatt li kellha problema f'għajnejha u kienet tafda lill-konvenut, abbinati f'daqqa, iwasslu lil din il-Qorti għall-konklużjoni li l-attriċi ġiet indotta fi żball, fejn hija kienet konvinta li kienet qiegħda titħallas l-imgħax, kif spjegat minnha u mhux il-kreditu sħiħ dovut lilha.

27. Minkejja li ma tressqet l-ebda prova skritta tal-imgħax pattwit bejn il-partijiet, il-provi joffru sostenn il-pożizzjoni tal-attriċi. Dan jingħad peress li mill-atti jirriżulta li l-kuntratt ta' bejgħ sar fi Frar 2011. Peress li l-konvenut talab jingħata ċans sabiex ikun jista' jħallas il-flus pattwiti permezz tal-iskritturi tas-sena 2007, u fl-istess żmien ħareġ ċekk għall-ammont komplessiv ta' €58,234 pagabbli sentejn wara, fl-1 ta' Marzu,

[9] Ara Emilia Bartoli versus Av Dr. Eduardo Vassallo, App. Civ. 19/02/1937.

2013. Huwa verosimili li l-partijiet ftehmu li l-konvenut iħallas lill-attriċi l-imgħax bir-rata ta' 4% għal dawk is-sentejn, sakemm l-attriċi titħallas il-kapital, tant li sena wara sar il-ħlas tal-ammont ekwivalenti tali mgħax ta' €2,330 (kif jirriżulta mill-iskrittura a fol. 21). Minkejja li ma tirriżultax skrittura simili għall-ħlas tal-imgħax li sar fl-2013, din il-Qorti ma tarax raġuni għala l-attriċi kellha tigdeb f'dan ir-rigward. Anzi huwa mill-aktar inkongruwu li l-konvenut jippretendi li jitwemmen li ħallas il-kapital qabel ma ġabar iċ-ċekk li kien ħareg preċedentement. Din il-Qorti tqis li l-konvenut ipprepara l-iskrittura tal-1 ta' Marzu, 2012, b'ċertu malizja, meta l-attriċi kienet għaddejja minn żmien fejn il-vista tagħha kienet sejra lura, peress li l-attriċi kienet konvinta bis-sħiħ li kienet qiegħda titħallas l-imgħax u mhux li qiegħda tiffirma li rċeviet ukoll il-kapital. Tant hu hekk li, l-imsemmija skrittura ma tagħmel l-ebda referenza la għall-kapital u lanqas għall-iskritturi tas-sena 2007, li permezz tagħhom ġie kostitwit id-debitu. Hekk ukoll, hija verosimili l-verżjoni tal-attriċi li hija ma riditx titlaq iċ-ċekk minn idejha qabel ma titħallas il-kapital.

28. Sa fejn il-konvenut appellant f'dan l-aggravju, itenni li kienet l-attriċi li ma riditx li ssir referenza għall-kapital fl-iskrittura sabiex ma jkunx hemm x'juri ma' familtha u dwar il-prova tat-transazzjoni ta' €50,000, dawn ġew trattati qabel fl-ewwel aggravju u a skans ta' repetizzjoni, issir referenza għall-paragrafi 21 u 22. Il-fatt li l-attriċi kellha diversi kontijiet bankarji u l-argument fejn jingħad li hija kienet imdorrija tagħmel użu minn flus kontanti, ma tantx jitqiesu bħala provi relevanti għall-mertu tal-kawża. Il-

punt kruċjali jibqa' li ma saritx prova ta' xi transazzjoni bankarja li tista' tagħti sufraġju lit-teżi tal-konvenut, anzi l-unika transazzjoni bankarja li saret kienet dik ta' €2,150 f'Marzu, 2012, li aktar issostni t-teżi tal-attriċi. Hekk ukoll, għalkemm ma jirriżultax li sar depożitu tal-ħlas tal-imgħax li sar fl-2013, huwa ritenut li l-attriċi aċċettat il-ħlas ta' din is-somma mingħajr ma tħallas il-kapital, proprju peress li kien għad għandha ċ-ċekk maħruġ mill-konvenut f'idejha. Kien biss wara li daħlilha dubju li marret tivverifika li dan iċ-ċekk seta' jissarraf u jekk kienx hemm flus fil-kont tal-bank sabiex jagħmlu tajjeb għal dan iċ-ċekk maħruġ f'isimha. Kien f'dan l-istadju li hija marret għand il-Pulizija u tfittex parir legali. Dan l-aġir ukoll huwa konsonanti mat-teżi tal-attriċi. Ċertament kif ingħad mill-ewwel Qorti, kien ikun tassew azzardat li l-attriċi tmur għand il-Pulizija dwar ċekk li ma ssarrafx, meta suppost li tħallset kulma kellha tieħu. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, din il-Qorti ma tqisx li ġie ppruvat sodisfaċentement li l-attriċi tħallset il-flus kollha dovuti lilha u ma jkunx ġust li l-konvenut igawdi minn żball li aktarx kien huwa stess li daħħalha fih. Kwindi minkejja l-iskrittura tal-1 ta' Marzu, 2011, din il-Qorti hija tal-fehma li l-attriċi għandha raġun li tfittex lill-konvenut għall-ħlas ta' kreditu dovut lilha. Għalhekk dan l-aggravju wkoll ser jiġi miċħud.

29. Jonqos li jiġi trattat it-tielet aggravju, dak fejn il-konvenut appellant jilmenta li l-ewwel Qorti għamlet assunzjonijiet żbaljati u jeżistu raġunijiet gravi u impellenti għalfejn din il-Qorti għandha tvarja l-apprezzament tal-provi tal-ewwel Qorti. Jisħaq li d-dikjarazzjonijiet tal-attriċi m'għandhomx

mis-sewwa u f'dan l-aggravju jagħmel referenza għal tliet punti partikolari: (i) l-attriċi ma ssemmix l-arranġament tal-imgħaxijiet fir-rikors ġuramentat tagħha u ma ġġib ebda prova li juri dan l-arranġament; (ii) l-allegazzjonijiet dwar il-firma falsa; (iii) l-attriċi tgħid li kellha problemi f'għajnejha fiż-żmien tal-iskrittura, iżda fl-istess nifs tgħid li kienet kapaċi li tikteb fuq id-dokument. Barra minn hekk, tgħid li ma tifhimx bl-Ingliż iżda fl-istess nifs tgħid li tant fehmet dak li kien hemm, li kitbet fuq l-iskrittura biex tiċċara li kienu imgħaxijiet biss.

30. In kwantu fl-ewwel punt imqajjem mill-konvenut appellant fejn jirrileva li l-attriċi ma tagħmel ebda referenza għall-ftehim tal-imgħax fir-rikors promotur tagħha, tajjeb li jingħad li l-attriċi ssejjes il-kawża mressqa minnha fuq l-iskritturi tas-sena 2007, li jitrattaw id-debitu prinċipali tal-konvenut, ibbażat fuq l-obbligu tal-kumpens għas-serviġi minnha mogħtija. Fil-verita`, ma kien hemm l-ebda ħtieġa li ssir referenza għall-ftehim dwar l-imgħax u l-ħlas tal-istess, in kwantu l-attriċi kienet tinsab sodisfatta bil-ħlas tal-imgħax u li ma kien hemm l-ebda pretensjoni f'dan ir-rigward. Ovvjament, l-attriċi ma kellhiex għażla oħra ħlief li tidħol fil-mertu ta' dan l-arranġament dwar l-imgħax u l-ħlas tal-istess, wara li l-konvenut irressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu li l-ħlas magħmul minnu kien wieħed għas-saldu u sa fejn isostni li seħħet transazzjoni. Il-fatt li t-tieni pagament li għamel il-konvenut ma jirriżultax minn xi depożitu fil-bank, in kwantu l-attriċi ssostni li l-ħlas tal-imgħax li sar fl-2013, żammet il-flus kontanti peress li kellha bżonn dawn il-flus wara l-mewt tar-raġel tagħha,

din il-Qorti ma tara xejn inkongruwenti fl-ispjegazzjoni mogħtija mill-attriċi. Għalkemm l-attriċi ma tressaqx prova ta' rċevuta tal-ħlas tal-imgħax li sar fl-2013, hawn ukoll, l-attriċi tispjega li kien il-konvenut li pprepara l-iskrittura tal-irċevuta ta' ħlas tal-imgħax fiż-żewġ każijiet u li hija ma ngħatatx kopja tagħhom. Effettivament, huwa l-konvenut li ressaq kopja tal-irċevuta tal-ħlas li sar fl-2012 u fil-fehma ta' din il-Qorti, kif spjegat qabel, ma hemm xejn suspettuż fl-ispjegazzjoni mogħtija mill-attriċi f'dan ir-rigward. Wara kollox, kien fl-interess tal-konvenut appellant li jingħata u jżomm irċevuta ta' ħlas.

31. Fir-rigward tal-allegazzjoni tal-firma falza, għalkemm huwa minnu li l-attriċi tixħet dubju fuq il-firma tagħha fuq l-iskrittura tal-1 ta' Marzu, 2011, dan ingħad fil-kuntest li l-attriċi tisħaq li hija kitbet fuq tali skrittura li l-ħlas li kien qiegħed isir kien dak tal-imgħax. Iżda dan, mid-dokument esebit in atti ma jirriżultax. Ġaladarba l-attriċi ma ssegwix tali allegazzjoni minn talba għal eżami tal-firma minn espert kompetenti għamlet sew l-ewwel Qorti li skartat tali allegazzjoni. Din l-allegazzjoni saret ukoll mill-konvenut dwar iċ-ċekk maħruġ minnu, fejn jingħad li huwa ma ffirmax iċ-ċekk mogħti lill-attriċi u li l-firma li hemm mhix tiegħu. Għal darb'oħra, ladarba tali nsinwazzjoni ma ġietx segwita bil-verifiki opportuni, ma kienx jispetta lill-ewwel Qorti tagħmel xogħol il-partijiet fil-kawża. Fi kwalunkwe każ, kien hemm provi oħra li fuqhom l-ewwel Qorti setgħet tasal għall-konklużjonijiet tagħha u din il-Qorti wara li rat il-provi in atti, hija taqbel magħhom.

32. Hekk ukoll dwar l-aħħar punt imqanqal mill-konvenut appellant, il-fatt li l-attriċi kienet qiegħda tbati mill-vista huwa fatt ippruvat, in kwantu mill-atti jirriżulta li l-attriċi ntbagħtilha l-appuntament għall-operazzjoni f'Jannar tas-sena 2013 (ara Dok. MSC2 a fol. 81) kwindi ma tirriskontra xejn anomalu fil-fatt li l-attriċi tgħid li kellha problema fil-vista fl-2012, li marret ferm aktar lura fl-2013, tant li f'dik is-sena saritilha operazzjoni. Dan ma jfissirx li l-attriċi ma setgħetx tikteb. Il-fatt li l-attriċi tgħid li kitbet fuq l-iskrittura tal-irċevuta li dan il-ħlas kien jitratta l-imgħax, kif osservat mill-ewwel Qorti ma jirriżultax u ma hemm l-ebda spjegazzjoni li setgħet tingħata u għalhekk ġiet imwarrba. Madankollu, dan in-nuqqas ma ħalliex lill-ewwel Qorti fi stat ta' perplessita`, peress li kien hemm provi oħra li fl-assjem tagħhom isostnu l-verżjoni tal-attriċi bħala waħda verosimili. Hekk ukoll, il-fatt li l-attriċi tgħid li ma tifhimx bl-Ingliż, ma jfissirx li hija kellha xi impediment milli twettaq transazzjonijiet mal-banek, li jwettqu t-transazzjonijiet tagħhom tipikament bil-lingwa Ingliża, wara kollox persuni llitterati fil-lingwa Ingliża xorta jkollhom aċċess għall-faċiltajiet bankarji. Isegwi li dan l-aħħar aggravju wkoll ma jreġix u ser jiġi miċħud.

33. Minkejja li din il-Qorti għarblet mill-ġdid il-provi in atti, tqis li l-konvenut appellant ma rnexxielux jipprova l-pagament tad-debitu, li l-attriċi qiegħda tfittex il-ħlas tiegħu permezz tal-proċeduri odjerni. Kwindi konsidrat li kien jispetta lill-konvenut iġib l-aħjar prova dwar il-pagament vantat minnu, ma tqisx li huwa rnexxielu jressaq prova konvinċenti f'dan

ir-rigward. Kif ingħad qabel, fin-nuqqas tad-debitur li jipprova b'mod sodisfaċenti l-pagament tad-debitu, kull dubju għandu jmur favur il-kreditur, f'dan il-każ, l-attriċi. La jirriżuta li saret transazzjoni u lanqas li sar ħlas għas-saldu tal-ammont pretiż mill-attriċi. Inoltre in kwantu l-kwistjoni ta' kredibbilta`, jirriżultaw ferm aktar inkongruwenzi fil-verżjoni tal-konvenut minn dik tal-attriċi. Għalhekk din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fil-konklużjoni tal-ewwel Qorti u ma tqisx li jeżistu raġunijiet validi li tiddisturba l-apprezzament magħmul minnha.

**Deċide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, tiddisponi mill-appell imressaq mill-konvenut Brian Degiorgio, billi tiċħad l-istess u għalhekk tikkonferma s-sentenza appellata tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Ottubru, 2016 fl-ismijiet premessi fis-sħiħ.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm